# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 15 ta' Lulju, 2025.**

**Numru 1**

**Rikors numru 597/2022/1 MS**

**Alfur Limited (C-14381) u Godwin Friggieri għal kull interess li jista' jkollu**

**v.**

**Il-Kummissarju tat-Taxxi (illum Kummissarju tat-Taxxi u d-Dwana)**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Mejju, 2024, fejn din laqgħet parti mit-talbiet tal-atturi u ddikjarat li l-Kummissarju ma jgawdix minn titlu eżekuttiv b'rabta mas-snin 2001, 2002, 2005 u 2011 għaliex il-kreditu li jissemma fihom jinsab

preskritt skont l-**Artikolu 47(2) tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa**.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tas-7 ta' Lulju, 2022, l-atturi Alfur Limited u Godwin Friggieri fissru li fil-11 ta' Mejju, 2022 il-Kummissarju tat-Taxxi ppreżenta ittra uffiċjali bin-numru 1952/22 fejn fiha talab lill-kumpanija Alfur Limited sabiex tħallsu s-somma ta' €99,855. Din is-somma ta' €99,855 kienet maqsuma hekk: (i) €59,703 bħala taxxa fuq id-dħul jew taxxa proviżorja mis-snin ta' stima 2001, 2002, 2005, 2011, 2013 u 2015 sa 2018; u (ii) €40,152 bħala taxxa addizzjonali u interessi.

3. L-atturi jgħidu li l-ammonti li l-Kummissarju tat-Taxxi qiegħed jippretendi li għandu jiġi mħallas għas-snin 2001, 2002, 2005, 2011 u 2013 mhumiex dovuti kemm minħabba li dawn huma preskritti skont l-**Artikolu 47(2) tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa**, kif ukoll minħabba raġunijiet oħra li sejrin joħorġu waqt il-kawża. Jispjegaw li huma kienu għarrfu b'dan kollu lill-Kummissarju permezz ta' ittra uffiċjali tas-17 ta' Ġunju, 2022, iżda l-affarijiet baqgħu kif kienu. Minħabba f'hekk l-atturi fetħu din il-kawża u talbu lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«1. Tiddikjara illi t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi interni kif dedotta fl-ittra uffiċjali bin-numru 1952/22 sa fejn titratta s-snin 2001, 2002, 2005, 2011 u 2013 hija preskritta ai termini tal-artikolu 47(2) tal-Kapitolu 372 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*(ii) Konsegwentement għall-ewwel talba, tirrevoka parzjalment it-titolu eżekuttiv vantat mill-istess Kummissarju tat-Taxxi fil-konfront ta' Alfur Limited, u allura tiddikjara illi l-ħlas għal dawk is-snin ma huwiex dovut;*

*Bl-imgħax legali (fejn applikabbli), u bl-ispejjeż inkluż tal-ittra uffiċjali annessa u mmarkata bħala Dok. 'B', kontra l-Kummissarju tat-Taxxi Interni li jinsab minn issa inġunt għas-subizzjoni.»*

4. Il-Kummissarju konvenut ressaq it-tweġiba maħlufa tiegħu fl-1 ta' Settembru, 2022, fejn qal hekk:

*«1. Illi preliminarjament, ir-rikors promotur huwa null u mingħajr effett inkwantu mhuwa bbażat fuq l-ebda dispożizzjoni tal-liġi — fil-fatt, permezz tal-Ittra Uffiċjali numru 1952/22 tal-11 ta' Mejju 2022, l-esponent ipproċeda sabiex jeżegwixxi titolu eżekuttiv kontra s-soċjetà rikorrenti ai termini tal-Artikolu 44(2A)(ċ) tal-Kap. 372 quddiem din l-Onorabbli Qorti, liema titolu eżekuttiv ġie ottjenut minnu bin-notifika tal-'Avviż ta' Talba għal Ħlas' datat 15 ta' Settembru 2020;*

*2. Illi ukoll in linea preliminari u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jingħad bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti mhijiex vestita bil-kompetenza li tissindaka l-Ittra Uffiċjali numru 1952/22 inkwantu tali sindakar seta' jsir biss a tempo debito u skont il-proċedura stipulata fl-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa (Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta). F'dan l-istadju l-liġi tipprovdi biss għall-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv ġa ottjenut u ma tistipula l-ebda proċedura oħra sabiex tiġi kontestata l-imsemmija eżekuzzjoni ta' dana t-titolu eżekuttiv;*

*3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet magħmula mir-rikorrenti jirreferu biss għall-allegazzjoni li l-ammonti reklamati fl-Ittra Uffiċjali 1952/22, limitatament b'referenza għas-snin ta' stima 2001, 2002, 2005, 2011 u 2013, huma preskritti, liema ammonti, fil-fatt mhumiex preskritti u dana kif sejjer jirriżulta mill-provi li sejrin jiġu mressqa mill-esponent fil-mori tal-proċeduri odjerni;*

*4. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet segwenti li qed jiġu elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:*

*4.1. Illi s-soċjetà rikorrenti għandha dejn ta' disgħa u disgħin elf, tmien mija u ħamsa u ħamsin ewro (€99,855) rappreżentanti taxxa, interessi u taxxa addizzjonali dovuti lill-esponent għas-snin ta' stima indikati fl-Ittra Uffiċjali 1952/22;*

*4.2. Illi fir-rigward tal-ammonti dovuti għas-snin ta' stima 2001, 2002 u 2005, l-esponent kien diġà ottjena titolu eżekuttiv fil-konfront ta' Alfur Limited li ġie reż eżegwibbli permezz tal-Ittra Uffiċjali numru 4957/2010, notifikata lis-soċjetà rikorrenti fis-17 ta' Diċembru 2010, u dana kif jirriżulta mill-kopja tal-Ittra Uffiċjali hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. KT 1';*

*4.3. Illi peress li s-soċjetà Alfur Limtied baqgħet inadempjenti, fil-15 ta' Settembru 2020, l-esponent ħareġ 'Avviż ta' Talba għall-Ħlas' skont l-Art. 44(2A)(ċ) tal-Kap. 372.*

*4.4. Illi tali 'Avviż' ġie notifikat lis-soċjetà Alfur Limited wara pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u fit-Times of Malta fil-11 ta' Diċembru 2020 u fl-10 ta' Diċembru 2020 rispettivament, kopji ta' liema qed jiġu hawn annessi u mmarkati bħala 'Dok. KT 2' u 'Dok. KT 3';*

*4.5. Illi ladarba l-imsemmi 'Avviż' ma ġiex ikkontestat mis-soċjetà rikorrenti fit-terminu stipulat, l-esponent ottjena titolu eżekuttiv kontra l-istess soċjetà u għaldaqstant il-Kummissarju tat-Taxxi ħareġ l-Ittra Uffiċjali numru 1952/2022 sabiex jirrendi t-titolu eżekuttiv ottenut minnu sa mis-sena 2020 eżegwibbli.*

*4.6. Illi inoltre, is-soċjetà rikorrenti għadha ma sottomettietx il-formoli tat-taxxa għas-snin ta' stima 2020 u 2021.*

*5. Illi għalhekk, it-talbiet kollha tas-soċjetà Alfur Limited huma infondati fil-fatt u fid-dritt u l-Ittra Uffiċjali numru 1952/22 hija valida u maħruġa mill-esponent skont il-liġi, kif sejjer jiġi pruvat fil-mori tal-proċeduri odjerni.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Għaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti Alfur Limited u Godwin Friggieri, bl-ispejjeż kontra tagħhom.»*

5. B'sentenza mogħtija fit-30 ta' Mejju, 2024, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qatgħet il-kawża kif ġej:

*«(i) tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut;*
*(ii) tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut;*
*(iii) tilqa' l-ewwel talba tal-atturi limitatament sa fejn tirrigwarda s-snin 2001, 2002, 2005 u 2011 iżda tiċħadha sa fejn tirrigwarda s-sena 2013;*
*(iv) tilqa' t-tieni talba limitatament billi tħassar parzjalment it-titolu eżekuttiv vantat mill-konvenut kontra s-soċjetà attriċi sa fejn jirrigwarda s-snin 2001, 2002, 2005 u 2011 billi l-ħlas pretiż dwar dawk is-snin mhux dovut minħabba l-preskrizzjoni komminata fl-artikolu 47(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa;*
*(v) tiċħad l-eċċezzjonijiet rimanenti tal-konvenut sa fejn m'humiex kompatibbli ma' dak konkluż f'din is-sentenza; u*
*(vi) tordna li l-ispejjeż ġudizzjarji jinqasmu inkwantu għal kwint ikunu sopportabbli mill-atturi u għall-erba' kwinti rimanenti jkunu sopportabbli mill-konvenut.»*

6. Ir-raġunijiet għaliex l-Ewwel Qorti ddeċidiet b'dan il-mod ġew

imfissra hekk:

*«Illi kif ingħad, il-konvenut laqa' għat-talbiet tal-atturi b'eċċezzjonijiet ta' natura preliminari kif ukoll b'oħrajn diretti lejn il-meritu tal-kwistjoni. Huwa xieraq li qabel il-qorti tqis il-meritu, tikkunsidra l-eċċezzjonijiet preliminari mqajmin mill-konvenut.*

*Ili l-konvenut effettivament jissolleva żewġ eċċezzjonijiet preliminari li, sa ċertu punt, jirrivolvu madwar l-istess tema. Bl-ewwel eċċezzjoni, l-konvenut isostni li ma hemm ebda dispożizzjoni tal-liġi li tikkontempla l-azzjoni tal-atturi. Bit-tieni eċċezzjoni, imbagħad, il-konvenut isostni li din il-qorti hija prekluża milli tistħarreġ il-kreditu vantat bl-ittra uffiċjali bin-numru 1952/2022, billi dak l-istħarriġ seta' jsir biss skont il-proċedura speċjali provduta fl-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa (Kapitolu 372 tal-liġijiet ta' Malta).*

*It-titoli eżekuttivi li l-konvenut jista' jkollu għall-iskop tal-ġbir tat-taxxa huma elenkati tassattivament fl-artikolu 40(1) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa (Kapitolu 372 tal-liġijiet ta' Malta), u li minn issa 'l quddiem se jissejjaħ biss bħala "l-Att". Issa fil-każ tagħna, jidher li t-titolu eżekuttiv li l-konvenut għandu fil-konfront tas-soċjetà attriċi huma l-avviżi mibgħuta minnu (Ara, per eżempju, dawk eżebiti minn folio 17 sa 20 għas-snin 2001, 2002 u 2005), u li l-liġi espressament tagħraf bħala titoli eżekuttivi.*

*Ma hemm ebda dispożizzjoni tal-liġi fl-Att li b'xi mod tippreskrivi jew tipprovdi xi forma t'azzjoni biex il-persuna li fil-konfront tagħha jinħareġ avviż jew xi pretensjoni tkun tista' tressaq 'il quddiem il-kontestazzjoni tagħha ħlief fil-każ ta' stejjem maħruġa mill-konvenut. F'każijiet analogi, l-fehma l-aktar mifruxa u li ssib pedamenti sodi fil-Kodiċi ta' proċedura tagħna hi dik li min ikollu kontestazzjoni, għandu jiddeduċiha permezz ta' rikors ġuramentat quddiem il-qrati ta' ġurisdizzjoni ċivili. Il-fatt li azzjoni m'hijiex espressament kontemplata f'xi liġi ma jfissirx li ma tistax issir. Din il-qorti fil-fatt hija, a tenur tal-artikolu 32 tal-Kodiċi preċitat, vestita b'ġurisdizzjoni residwa li permezz tagħha għandha l-vires li tisma' l-kwistjonijiet kollha ta' natura ċivili li m'humiex b'liġi espressament affidati lill-qrati jew tribunali oħrajn b'kompetenzi speċjali (ara f'dan is-sens* ***Outwest Limited v. Il-Kummissarju tat-Taxxi****, Prim'Awla, 27/3/2018).*

*Ġie wkoll ritenut fid-deċiżjoni* ***Il-Kummissarju tat-Taxxi v. Carmel sive Charles Borg pro et noe*** *(Appell Superjuri, 27/1/2021): «Minn qari tal-liġi, isegwi għalhekk li att li bih tali persuna tkun trid tilqa' għat-talba tal-ħlas irid ikun ir-Rikors Maħluf u l-użu ta' rikors sempliċi la huwa preskritt u lanqas joħroġ minn dik il-liġi speċjali» (ara wkoll* ***Steward Malta Management Ltd v. Il-Kummissarju tat-Taxxi****, Prim'Awla, 5/7/2023 (Appellata)). Għalkemm hu minnu li dawn id-deċiżjonijiet jitrattaw liġi fiskali oħra, il-qorti tqis il-prinċipju fihom espost applikabbli anki taħt l-Att, billi ż-żewġ liġijiet fiskali huma mfasslin fuq prinċipji simili ħafna għal dak li jirrigwarda l-ksib ta' titoli eżekuttivi mill-konvenut u l-metodi provduti lilu għall-ġbir tat-taxxa.*

*Effettivament l-atturi pproċedew bil-mezz ta' rikors ġuramentat quddiem din il-qorti, kif tippreskrivi l-liġi tal-proċedura, u għalhekk ebda nullità ma tolqot l-azzjoni tagħhom. Naturalment, il-qorti għad trid tara jekk, lil hinn mill-kwistjoni tal-validità tal-azzjoni sa fejn din mhux espressament kontemplata mil-liġi, hemmx raġunijiet oħrajn għaliex il-qorti m'għandhiex tidħol fil-mertu tal-kwistjoni li qed tinġieb mill-atturi.*

*L-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut għalhekk ma jistħoqqilhiex li tiġi milqugħa.*

*Niġu issa għat-tieni eċċezzjoni.*

*Il-konvenut isostni li din il-qorti m'għandhiex il-kompetenza biex tindaga dwar jekk l-ammont tat-taxxa pretiż minnu hux tajjeb jew le. Isostni li l-atturi kellhom jipproċedu biex jikkontestaw dawk l-ammonti fiż-żmien u bil-mod provdut fl-Att, u jekk naqsu milli jagħmlu dan, ma jistgħux jagħmlu dak l-eżerċizzju issa.*

*Il-qorti tagħraf li, skont l-Att, hemm diversi fażijiet fil-proċess li bih il-konvenut jista' jgħaddi biex jiġbor it-taxxa li tkun dovuta minn kull pagatur. Fis-sistema li biha kienet timxi s-soċjetà attriċi, kienet tiġi sottomessa dikjarazzjoni fiskali ta' kull sena, bl-obbligu li jintbagħat il-ħlas dovut flimkien ma' dik id-dikjarazzjoni. Però dawn ix-xorta ta' dikjarazzjonijiet ma jorbtux lill-konvenut, li jista' jagħżel li ma jaqbilx ma' dak iddikjarat billi jibgħat stima lill-pagatur li fiha jindika skont hu, kemm suppost titħallas taxxa. Hekk ukoll jista' jagħmel il-konvenut meta ma tintbagħat ebda dikjarazzjoni fiskali. Minn dik l-istima maħruġa mill-konvenut, il-pagatur għandu jedd joġġezzjona mal-konvenut, li jista' jirrevedi l-istima. Il-pagatur jista' anki jappella quddiem it-tribunal ta' reviżjoni amministrattiva mid-deċiżjoni tal-konvenut dwar l-oġġezzjoni tiegħu. Huwa f'dan il-kuntest li l-pagatur tat-taxxa jista' jressaq il-kontestazzjoni tiegħu dwar l-ammont ta' taxxa pretiża mingħandu mill-konvenut.*

*Meta dawn il-kontestazzjonijiet u appelli jiġu deċiżi, jew inkella fejn ma jsirux fiż-żmien u bil-mod preskritt fl-Att, il-pagatur tat-taxxa ma jistax iressaq aktar kontestazzjoni fir-rigward tal-ammont pretiż mill-konvenut (ara f'dan is-sens* ***Joseph Mary Farrell v. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud****, Appell Superjuri, 24/6/2011, li għalkemm kienet titratta ġbir ta' taxxa differenti, tapplika għall-każ odjern b'analoġija, kif diġà mfisser aktar qabel).*

*Issa l-kontestazzjoni miġjuba mill-atturi fil-kawża odjerna hija mibnija kompletament u esklussivament fuq dak li jipprovdi l-****artikolu 47(2) tal-Att****. Din id-dispożizzjoni tgħid hekk:*

> *«Salv kif xort'oħra espressament provdut fl-Atti dwar it-Taxxi u salvi b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 30(5) u tal-artikolu 31(7), l-azzjoni għall-ħlas tat-taxxa, taxxa addizzjonali, imgħax jew xi penali tista' tinbeda f'kull żmien mid-data minn meta jsiru dovuti u għandhom jitħallsu sa tmien*

*snin minn dik id-data jew, meta tkun saret stima għar-rigward tagħhom, mid-data meta dik l-istima ssir finali u konkluživa.»*

*Il-fatt li ż-żmien ta' tmien snin huwa magħmul jiddependi minn meta t-taxxa ssir dovuta jew, meta tkun saret stima, minn meta dik l-istima tkun saret finali u konklussiva, juri li kontestazzjoni abbażi tal-artikolu 47(2) tista' titqajjem biss wara li jingħalaq il-proċess tal-istejjem u tal-kontestazzjoni minnhom, li jfisser li l-artikolu 47(2) ma jistax jiġi invokat f'oġġezzjoni li ssir lill-konvenut jew f'appell li jsir quddiem it-tribunal ta' reviżjoni amministrattiva, u dan għaliex f'dawk l-istadji, l-istejjem ma jkunux għadhom saru finali u konkluživi.*

*Finalment, min jissolleva l-preskrizzjoni taħt l-artikolu 47(2) ma jkunx qiegħed jimpunja l-ammont ta' taxxa dovuta, iżda jkun qed jeċċepixxi l-estinzjoni tad-dritt tal-azzjoni tal-konvenut għall-ġbir tat-taxxa li l-ammont tagħha jkun skont il-liġi dovut.*

*F'dan il-kuntest, il-qorti tinnota li l-atturi għamlu sottomissjonijiet li jirrigwardaw il-validità tal-istejjem li saru kontra tagħhom minħabba nuqqas ta' notifika siewja. Imma l-qorti tqis li b'dawn is-sottomissjonijiet, l-atturi jridu jmorru lil hinn minn dak li kienu qed jitolbu fl-att promotur tal-kawża, u dan ma jistax isir. Jekk l-atturi riedu jimpunjaw l-istejjem, dan kellhom jitolbuh b'mod ċar u espress, u bl-istess mod ċar u espress huma kellhom jagħtu r-raġunijiet għal din l-impunjazzjoni. Li għamlu hekk, il-parametri tal-kawża kienu jkunu aktar wesgħin milli huma, u kienu jgħoddu konsiderazzjonijiet oħrajn anki dwar din l-eċċezzjoni tal-konvenut. Dan għaliex, kif diġà ngħad, f'dak il-każ l-atturi kienu jkunu qed jattakkaw il-kreditu nnifsu vantat mill-konvenut, u mhux il-jedd tal-konvenut li jiġbor dak il-kreditu, li huwa jedd differenti, anki jekk intimament konness, mal-kreditu nnifsu.*

*Fil-parametri ristretti li fihom saret il-kawża, il-qorti qed issib li l-atturi mhux jimpunjaw il-kreditu nnifsu vantat mill-konvenut, imma qegħdin jopponu għall-eżeġwibbiltà tiegħu minħabba l-preskrizzjoni.*

*Għalhekk it-tieni eċċezzjoni lanqas ma hija tajba u se titwarrab.*

*Niġu issa għall-meritu tal-każ.*

*L-artikolu 47(3) tal-Att jgħid: «Iż-żmien imsemmi fis-subartikolu (2) jitwaqqaf b'talba għal ħlas notifikata permezz tal-posta reġistrata mill-Kummissarju jew b'att ġudizzjarju preżentat mill-Kummissarju qabel ma jiskadi dak iż-żmien li fihom jintalab il-ħlas tal-ammont dovut».*

*Illi ġie deċiż li ż-żmien imsemmi fl-artikolu 47(2) tal-Att jinkiser, bil-konsegwenza li jerġa' jibda jgħaddi, meta jkun hemm notifika ta' xi wieħed mill-atti msemmija fl-artikolu 47(3), jew inkella meta l-pagatur iressaq oġġezzjoni quddiem il-konvenut stess. Ingħad li ż-żmien jitqies sospiż, u għalhekk jieqaf jgħaddi, biss meta l-oġġezzjoni tal-pagatur tinġieb quddiem it-tribunal ta' reviżjoni amministrattiva, u qabel, quddiem*

*il-bord ta' kummissarji speċjali (ara l***l-Kummissarju tat-Taxxi Nterni vs. Angelo Bonanno***, Appell Superjuri, 31/1/2019).*

*Fil-fehma tal-qorti, ir-regoli ġenerali li tfasslu mill-ġurisprudenza dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni jgħoddu anki għall-preskrizzjoni li qed tiġi trattata f'din il-kawża. Ewlenin fost dawk ir-regoli hemm dik li huwa min jissolleva l-preskrizzjoni li jrid iġib prova li ż-żmien tal-preskrizzjoni jkun għadda, filwaqt li l-piż tal-prova tal-interruzzjoni jew tas-sospensjoni tinkombi fuq il-parti li topponi l-preskrizzjoni (ara f'dan is-sens* ***Paolo Calleja v. Luigi Vella****, Appelli Kummerċjali, 15/6/1964 (Kollezz. Vol.XLVIII.i.603);* ***Stencil Pave (Malta) Limited v. Dr Maria Deguara nomine et****, Prim'Awla, 30/10/2003;* ***Luciano Martinelli nomine v. Saviour Pisani****, Appell Inferjuri, 22/6/2005).*

*Għalhekk l-oneru tal-prova li ż-żmien maħsub fl-artikolu 47(2) għadda huwa mixħut fuq l-atturi. Issa skont l-artikolu 47(2), iż-żmien ta' tmien snin jibda jgħaddi minn meta t-taxxa ssir dovuta, inkella, f'każ li jkun hemm stima, minn meta dik l-istima tkun finali u konkluživa. Mill-atti jirriżulta dan li ġej: a) dwar is-sena 2001 (ara folio 17), jidher li ma saritx stima mill-konvenut, li qagħad fuq l-ammont dikjarat mis-soċjetà attriċi permezz tas-sistema ta' self-assessment. Jidher però li xi ħlasijiet magħmula mis-soċjetà attriċi ġew imputati lil taxxa dovuta għas-snin ta' qabel, u għalhekk ġie ammont dovut għal din is-sena; b) dwar is-sena 2002 (ara folio 18), għalkemm jidher li kien hemm stima mill-konvenut, hemm imbagħad l-istess ammont attribwit bħala kreditu, li donnu juri li dik l-istima tħallset. Fir-rendikont relattiv, hemm indikat l-ammonti dikjarati mis-soċjetà attriċi stess, u għalhekk jidher li l-kreditu tal-konvenut ġej minn self-assessment, li però wkoll ġie minħabba imputazzjonijiet li saru kontra taxxa dovuta preċedentement; c) dwar is-sena 2005 (ara folio 19), ma kienx hemm stima imma formoli sottomessi mis-soċjetà attriċi f'dati diversi; d) dwar is-sena 2011 (ara folio 67), kien hemm formola sottomessa mis-soċjetà attriċi stess; e) dwar is-sena 2013 ma ġie preżentat ebda rendikont.*

*Mill-provi rriżulta li l-konvenut ressaq ittra uffiċjali kontra s-soċjetà attriċi fl-10 ta' Diċembru 2010, li ġiet notifikata fis-17 ta' Diċembru 2010. Għalkemm l-attur xehed li ma rċieva xejn qabel l-ittra uffiċċjali bin-numru 1952/2022, il-prova tan-notifika magħmula bir-riferta ta' din l-ittra uffiċjali tal-10 ta' Diċembru 2010 ma ġietx konfutata b'mod effettiv mill-atturi. L-effett ta' din l-ittra uffiċjali għalhekk kien li ż-żmien tal-preskrizzjoni ġie interrott u reġa' beda għaddej. Din l-interruzzjoni tgħodd għall-kreditu pretiż mill-konvenut għas-snin 2001, 2002 u 2005. Dan għaliex id-dies a quo taż-żmien preskrittiv huwa proprju meta l-ammont tat-taxxa jsir dovut, u fejn is-soċjetà attriċi għalhekk preżentat il-formoli tagħha b'mod tardiv, iż-żmien ma setax jgħaddi qabel. Fis-sena 2001, jirriżulta li l-formola ta' self-assessment saret mis-soċjetà attriċi fil-11 ta' Diċembru 2004, u kien biss minn dakinhar li t-taxxa għal dik is-sena saret dovuta. Għas-sena 2002, il-formola relattiva saret biss fid-19 ta' Jannar 2005, u fl-istess jum ġiet kanċellata formola oħra li kienet saret f'Awwissu 2003.*

*Għalhekk l-ittra uffiċċjali tal-10 ta' Diċembru 2010 interrompiet il-preskrizzjoni għat-taxxa li kienet għadha dovuta għas-snin preċedenti u li huma mertu ta' din il-kawża.*

*L-interruzzjoni li jmiss seħħet permezz tal-avviż ta' talba għall-ħlas tal-15 ta' Settembru 2020, li ġie notifikat skont l-artikolu 29(1) tal-Att bil-pubblikazzjonijiet li saru fil-Gazzetta tal-Gvern tal-11 ta' Diċembru 2020 u f'gazzetta lokali ta' kuljum tal-10 ta' Diċembru 2020. Però għaddew aktar minn tmien snin mill-interruzzjoni preċedenti, u kif inhu risaput, interruzzjoni jkollha effett biss kemm-il darba ssir qabel ikun għadda ż-żmien tal-preskrizzjoni (ara* ***A.I.C. Eric A. Mamo v. Pupul Fenech****, Appell Superjuri, 26/11/1951 (****Kollezz. Vol.XXXV.i.304****);* ***Francis Fenech v. Thomas Montalto****, Appell Inferjuri, 5/3/2010).*

*Fir-risposta ġuramentata, il-konvenut jgħid li t-taxxa dovuta għas-snin 2001, 2002 u 2005 mhux preskritta għaliex dwarha hu diġà kiseb titolu eżekuttiv permezz tal-ittra uffiċjali tal-10 ta' Diċembru 2010. Iżda d-dispożizzjonijiet tal-Att ma jwaqqfux l-effetti tal-preskrizzjoni fil-konfront ta' dawk il-krediti li dwarhom ikun hemm titolu eżekuttiv. Fil-fatt, il-qorti diġà rrilevat li huma titoli eżekuttivi dawk l-atti li huma elenkati fl-artikolu 40(1) tal-Att, u l-ittra uffiċjali m'hijiex ħlief att li l-liġi trid sabiex tinkiseb l-eżegwibbiltà ta' dawk it-titoli. Il-liġi bl-ebda mod ma tipprovdi li l-krediti li dwarhom ikun hemm titoli eżekuttivi huma meħlusa mill-effetti tal-artikolu 47(2). Kemm hu hekk, fid-deċiżjoni* ***Il-Kummissarju tat-Taxxi v. Bonanno*** *(ġa ċitata), ingħad li l-ħruġ ta' mandat kontra l-pagatur huwa interruttiv tal-preskrizzjoni. Ladarba l-mandat, li huwa att eżekuttiv, ma jwaqqafx imma biss jinterrompi l-preskrizzjoni, wisq inqas għalhekk jista' jitqies, kif eċċepixxa l-konvenut, li l-ittra uffiċċjali tal-10 ta' Diċembru 2010, qatlet għal dejjem il-preskrizzjoni applikabbli għat-taxxa dovuta għas-snin 2001, 2002 u 2005.*

*Fil-fatt, l-artikolu 47(2) tal-Att jgħid li l-azzjoni għall-ġbir tal-ħlas tista' tinbeda f'kull żmien wara li t-taxxa ssir dovuta, imma li t-taxxa, it-taxxa addizzjonali u penali għandhom jitħallsu sa tmien snin minn dik id-data jew, meta tkun saret stima għar-rigward tagħhom, mid-data meta dik l-istima ssir finali u konklużiva. Għalhekk it-terminu ta' tmien snin ma jiqafx jgħaddi meta l-istima (li hija titolu eżekuttiv skont l-artikolu 40(1)(ċ) tal-Att) ssir finali u konklużiva. Dan juri b'mod ċar li l-ksib ta' titolu eżekuttiv ma jwaqqafx id-dekors tat-terminu preskritt fl-artikolu 47(2), għaliex il-liġi trid li t-taxxa titħallas fi żmien tmien snin (salv naturalment ċirkostanzi li jwasslu għall-interruzzjoni jew sospensjoni tal-preskrizzjoni), u mhux sempliċement tiġi kristallizzata b'titolu, kif qed jgħid il-konvenut.*

*Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-qorti ssib li t-talba tal-atturi fir-rigward ta' dawn is-snin hija fondata.*

*Fir-rigward tas-sena 2011, m'huwiex ċar meta ġiet preżentata l-formola ta' self-assessment mis-soċjetà attriċi. Hu ċert però li l-ammont pretiż mill-konvenut kien dovut sal-31 ta' Jannar 2012 (ara folio 67). Dan ifisser li meta sar l-avviż ta' talba għall-ħlas fil-15 ta' Settembru 2020, it-terminu*

*ta' tmien snin ukoll kien iddekorra diġà.*

*Mhux l-istess però jista' jingħad għas-sena 2013. It-terminu ta' preskrizzjoni għal din is-sena ġie validament interrott bl-avviż ta' talba għall-ħlas tal-15 ta' Settembru 2020, u sussegwentement mill-ġdid bl-ittra uffiċjali bin-numru 1952/2022.»*

7. Il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana appella minn din is-sentenza fit-28 ta' Ġunju, 2024, bl-aggravji li l-Ewwel Qorti kellha tilqa' l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari tiegħu u b'hekk tiċħad it-talbiet attriċi.

8. Alfur Limited u Godwin Friggieri ma wieġbux għal dan l-appell.

9. Il-Qorti wara li rat l-atti kollha tal-proċeduri, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza tagħha b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Konsiderazzjonijiet:**

10. Qabel ma tibda biex tfisser x'inhuma l-aggravji tal-Kummissarju appellant, il-Qorti tqis li jkun ta' siwi li tagħti stampa ċara u ħafifa dwar il-fatti ewlenin li wasslu għal din it-tilwima.

11. Fit-12 ta' Novembru, 2010, il-Kummissarju tat-Taxxi ħareġ Avviż Ta' Talba Għall-Ħlas skont l-**Artikolu 44(2A)(ċ) tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa** fejn huwa għarraf lil Alfur Ltd li hija

midjuna miegħu fl-ammont sħiħ ta' €33,833. Dan l-ammont kien maqsum hekk: (i) €19,454 fi ħlas b'lura ta' taxxa fuq id-dħul jew taxxa proviżorja għas-snin ta' stima 2001, 2002 u 2005; u (ii) €14,379 bħala taxxa addizzjonali. Fl-istess Avviż, il-Kummissarju wissiha li tista' tittieħed azzjoni legali kontriha sabiex jinġabru dawn l-arretrati, jekk kemm-il darba hija tonqos milli tħallas dan l-ammont fi żmien ħmistax-il jum min-notifika tal-Avviż.

12. Alfur Ltd la ħallset u lanqas ikkontestat is-somma mitluba mill-Kummissarju tat-Taxxi.

13. Fl-10 ta' Diċembru, 2010, il-Kummissarju tat-Taxxi bagħat ittra uffiċjali lil Alfur Ltd fejn widdibha li jekk hija ħa tibqa' ma tħallasx dan l-ammont ta' €33,833, huwa kien sejjer jipproċedi għall-eżekuzzjoni tat-titlu miksub minnu skont l-**Artikolu 40 tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa**.

14. Madwar għaxar snin wara, eżattament fil-15 ta' Settembru, 2020, il-Kummissarju tat-Taxxi bagħat Avviż ieħor Ta' Talba Għall-Ħlas skont l-**Artikolu 44(2A)(ċ) tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa**. F'dan l-Avviż, li kien indirizzat lid-direttur ta' Alfur Limited, il-Kummissarju tat-Taxxi talab għall-ħlas ta' €103,903 maqsum kif ġej: (i) €62,777 fi ħlas b'lura ta' taxxa fuq id-dħul jew taxxa proviżorja għas-snin ta' stima 2001,

2002, 2005, 2011, 2013, 2015, 2016, 2017, 2018 u 2019; (ii) €1,307 bħala taxxa addizzjonali; u (iii) €39,009 bħala mgħax. Anke f'dan it-tieni avviż, il-Kummissarju tat-Taxxi wissa li jekk dawn l-ammonti ma jiġux imħallsa jew ikkontestati fi żmien ħmistax-il jum, huwa kien sejjer joħroġ ittra uffiċjali skont il-liġi.

15. Din l-ittra uffiċjali ntbagħtet mill-Kummissarju tat-Taxxi lil Alfur Ltd fil-11 ta' Mejju, 2022 iżda fuq l-ammont ta' €99,855 maqsum hekk: (i) €59,703 fi ħlas b'lura ta' taxxa fuq id-dħul jew taxxa proviżorja għas-snin ta' stima 2001, 2002, 2005, 2011, 2013, 2015, 2016, 2017 u 2018; u (ii) €40,152 bħala taxxa addizzjonali u mgħax. L-ittra uffiċjali ġiet notifikata fil-31 ta' Mejju 2022 u fiha l-Kummissarju tat-Taxxi fisser li jekk il-ħlas jibqa' ma jsirx huwa kien sejjer jipproċedi għall-eżekuzzjoni tat-titlu miksub minnu skont l-**Artikolu 40 tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa**.

16. Alfur Ltd wieġbet b'ittra uffiċjali oħra ppreżentata fis-17 ta' Ġunju 2022, u fiha hija saħqet li l-ammonti mitluba mill-Kummissarju b'rabta mas-snin 2001, 2002, 2005, 2011 u 2013 huma preskritti skont l-**Artikolu 47(2) tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa**. Din l-ittra uffiċjali ġiet notifikata lill-Kummissarju fl-24 ta' Ġunju, 2022.

17. Wara din l-ittra uffiċjali, Alfur Ltd fetħet din il-kawża sabiex jiġi

ddikjarat li l-Kummissarju tat-Taxxi ma jistax jippretendi ħlas b'rabta mas-snin 2001, 2002, 2005, 2011 u 2013 għaliex dan jinsab preskritt skont l-**Artikolu 47(2) tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa**. Kif rajna l-Ewwel Qorti laqgħet din it-talba sa fejn jolqot is-snin 2001, 2002, 2005 u 2011 iżda ċaħditha sa fejn jolqot is-sena 2013.

18. Issa fl-**ewwel aggravju** tiegħu kontra din is-sentenza, il-Kummissarju appellant jgħid li l-Ewwel Qorti ma setgħetx twaqqa' parti mill-kreditu msemmi fl-ittra uffiċjali tal-11 ta' Mejju, 2022 fuq il-bażi ta' preskrizzjoni għaliex fi kliemu: «*Il-liġi ma tipprovdi għall-ebda skrutinju tal-Ittra Uffiċjali abbażi ta' preskrizzjoni u dan inkwantu l-Ittra Uffiċjali hija intiża unikament sabiex teżegwixxi titolu eżekuttiv ġa ottenut. Se mai, it-titlu eżekuttiv kellu jiġi kkontestat fi stadju preċedenti u ċjoè meta s-soċjetà attriċi ġiet notifikata bl-Avviż ta' Talba Għall-Ħlas.*» Biex isaħħaħ din il-fehma tiegħu huwa jirreferi għas-sentenza ***Emanuel Cutajar v. Kummissarju tat-Taxxi Interni*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Marzu, 2012.

19. Il-Kummissarju appellant ikompli jfisser li l-ittra uffiċjali tal-11 ta' Mejju, 2022 intbagħtet wara li huwa kien seħħlu jikseb titlu eżekuttiv minħabba li Alfur Ltd ma kinitx ikkontestat l-Avviż Ta' Talba Għall-Ħlas li nħareġ kontriha skont l-**Artikolu 44(2A)(ċ) tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa**. Għalhekk isostni li ladarba huwa kellu

titlu eżekuttiv favurih, mela allura dan ma setax jiġi kkontestat bl-istitut tal-preskrizzjoni.

20. It-**<u>tieni aggravju</u>** jkompli fuq dak ta' qablu għaliex fih il-Kummissarju jtenni li l-atturi ma kien fadlilhom l-ebda rimedju ieħor biex jikkontestaw dak it-titlu eżekuttiv, ladarba huma ma kkontestawx l-Avviż Ta' Talba Għall-Ħlas u ħallew dak l-avviż jinbidel f'titlu eżekuttiv.

21. Billi dawn iż-żewġ aggravji jirkbu fuq xulxin, din il-Qorti sejra tistħarriġhom flimkien. U biex tagħmel dan, din il-Qorti jeħtieġilha ddur ftit id-dispożizzjonijiet tal-**Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa** li japplikaw għall-każ tal-lum, peress li huwa evidenti li r-riżoluzzjoni ta' dan l-appell tiddependi sewwasew minn dawn id-dispożizzjonijiet.

22. L-**Artikolu 44(2A)(ċ) tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa** jgħid li l-Kummissarju tat-Taxxi għandu jibgħat avviż lill-persuna li minnha hi dovuta xi taxxa, jekk dan jidhirlu li dik il-persuna tkun naqset milli tħallas xi taxxa sad-data ta' meta din suppost kellha titħallas. Jekk ma jsirx dan il-ħlas fi żmien tletin jum mid-data tan-notifika ta' dak l-avviż (qabel id-dħul fis-seħħ tal-**Att VII tal-2019** dan iż-żmien kien ta' ħmistax-il jum), allura l-Kummissarju jkun jista' jipproċedi biex jeżegwixxi għall-ħlas bis-saħħa tat-titolu eżekuttiv imsemmi fl-**Artikolu 40 tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa**, wara jumejn min-notifika li ssir lid-debitur

ta' talba għall-ħlas permezz ta' att ġudizzjarju.

23. Tassew in-notifika tal-att ġudizzjarju msemmija fl-**Artikolu 40 tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa** mhijiex meħtieġa biex il-Kummissarju tat-Taxxi jikseb titlu eżekuttiv fuq l-ammont mitlub minnu fl-Avviż ta' Talba għall-Ħlas. Dan għaliex kif tajjeb jgħid il-Kumissarju tat-Taxxi t-titlu eżekuttiv jinkiseb mill-Kummissarju tat-Taxxi jekk kemm-il darba ma ssirx kontestazzjoni mid-debitur tat-taxxa fiż-żmien li tagħtih il-liġi jew inkella jekk il-kontestazzjoni ssir iżda din ma tirnexxix (ara ***Joseph Camenzuli v. Kummissarju tat-Taxxi Interni*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili *per* Imħallef Giannino Caruana Demajo fit-30 ta' April, 2009). Mod ieħor, in-notifika tal-att ġudizzjarju msemmija fl-**Artikolu 40 tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa** hija meħtieġa biss biex il-Kummissarju jkun jista' jikseb il-ħruġ ta' mandati eżekuttivi (ara ***Joseph Gatt v. Kummissarju tat-Taxxi Interni*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Mejju, 2010).

24. Fi kliem ieħor, jekk wieħed l-ewwel ma jikkontestax l-Avviż ta' Talba għall-Ħlas maħruġ skont l-**Artikolu 44(2A)(ċ) tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa**, kif imfisser fid-dispożizzjonijiet tat-**Taqsima VI tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa** u mbagħad jirċievi l-ittra uffiċjali skont l-**Artikolu 40 tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa**, allura dak li jkun ma jkunx jista' jinqeda

b'rikors maħluf biex jattakka l-ammont ta' taxxa mitluba mill-Kummissarju tat-Taxxi għaliex l-istima tal-Kummissarju tkun saret finali u din tkun kisbet ukoll il-karattru ta' titlu eżekuttiv (ara ***Paul Vella v. Kummissarju tat-Taxxi Interni*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili *per* Imħallef Giannino Caruana Demajo fit-30 ta' April, 2009).

25. Hekk ukoll, id-debitur tat-taxxa li jkun irċieva l-Avviż ta' Talba għall-Ħlas u l-ittra uffiċjali, la jkun jista' jattakka l-ittra uffiċjali skont id-dispożizzjonijiet tal-**Artikolu 466 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** biex din iżżommha milli ssir titlu eżekuttiv għaliex il-pretensjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi tkun ġa kisbet is-saħħa ta' titlu eżekuttiv skont id-dispożizzjonijiet tal-**Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa**; u lanqas ma jkun jista' jattakka dik l-ittra uffiċjali skont l-**Artikolu 281 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** peress li dan l-artikolu huwa mfassal biex jattakka atti eżekuttivi bħalma huma l-mandati u mhux titli eżekuttivi li jkunu diġà miksuba (ara ***Carmlu Limited v. Kummissarju tat-Taxxi Interni*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili *per* Imħallef Joseph R. Micallef fl-20 ta' Ottubru, 2009).

26. Sa hawnhekk allura l-Kummissarju appellant għandu raġun fejn fiż-żewġ aggravji tiegħu jisħaq li huwa kien diġà jgawdi minn titlu eżekuttiv meta huwa kien bagħat l-ittra uffiċjali fil-11 ta' Mejju, 2022 sabiex Alfur Ltd tħallsu l-ammont ta' €99,855. Tassew sa fejn għandu

x'jaqsam mas-snin ta' stima 2001, 2002 u 2005 dan it-titlu eżekuttiv kien ilu jeżisti minn meta Alfur Ltd naqset milli tikkontesta l-Avviż Ta' Talba Għall-Ħlas li l-Kummissarju tat-Taxxi kien bagħtilha lura fit-12 ta' Novembru, 2010, filwaqt li sa fejn għandu x'jaqsam mas-snin ta' stima 2011, 2013, 2015, 2016, 2017, 2018 u 2019 dan it-titlu eżekuttiv inkiseb minn meta Alfur Ltd naqset milli tikkontesta l-Avviż Ta' Talba Għall-Ħlas li l-Kummissarju tat-Taxxi kien bagħtilha fil-15 ta' Settembru, 2020.

27. B'daqshekk però mbilli l-Kummissarju appellant kien igawdi minn titlu eżekuttiv, dan ma jfissirx li huwa għandu ċ-ċans kollu tad-dinja sabiex jiġbor l-ammont miġbur fit-titlu eżekuttiv. Huwa sewwasew fuq dan l-aspett li qiegħed jiżbalja l-Kummissarju appellant fil-kritika tiegħu lejn is-sentenza tal-Ewwel Qorti.

28. Jidher li l-Kummissarju appellant mhuwiex qiegħed japprezza biżżejjed in-natura tat-titlu eżekuttiv li jagħtih l-**Artikolu 44(2A)(ċ) tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa**, partikolarment fejn tidħol il-fażi tal-ġbir tat-taxxa. Filwaqt li ma hemmx dubju li t-titlu eżekuttiv ifisser li l-fażi tal-kontestazzjoni dwar l-ammont ta' taxxa dovuta hija magħluqa darba għal dejjem u li b'riħet dak it-titlu eżekuttiv il-Kummissarju appellant għandu anke l-jedd li jitlob il-ħruġ ta' mandati eżekuttivi jekk kemm-il darba l-ewwel jibgħat l-ittra uffiċjali msemmija fl-**Artikolu 40 tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa**, b'danakollu dan ma jfissirx li

huwa m'għandux żmien bil-liġi li fih huwa jrid jiġbor dak il-kreditu li dwaru għandu titlu eżekuttiv.

29. Kemm hu hekk l-**Artikolu 47(2) tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa** jgħid ċar u tond li l-azzjoni għall-ħlas tat-taxxa, taxxa addizzjonali, imgħax jew xi penali tista' tinbeda f'kull żmien mid-data minn meta jsiru dovuti u għandhom jitħallsu sa tmien snin minn dik id-data jew, meta tkun saret stima għar-rigward tagħhom, mid-data meta dik l-istima ssir finali u konkluživa.

30. Dan iż-żmien ta' tmien snin biex tinġabar it-taxxa huwa wieħed ta' preskrizzjoni għaliex l-**Artikolu 47(3) tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa** jfisser li dan iż-żmien jista' jitwaqqaf b'talba għall-ħlas notifikata permezz tal-posta reġistrata mill-Kummissarju jew b'att ġudizzjarju preżentat mill-Kummissarju qabel ma jiskadi dak iż-żmien li fihom jintalab il-ħlas tal-ammont dovut (ara ***Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni v. Angelo Bonanno*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar, 2019).

31. Bħalma tajjeb ġie mfisser mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Kummissarju tat-Taxxi Interni v. Frank Fenech Camilleri pro et noe*** deċiża fis-7 ta' Mejju, 2010, il-prinċipju għandu jkun li t-taxxa għandha tintalab fi żmien raġonevoli, liema żmien ġie stabbilit bl-**Artikolu 47(2)**

**tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa** għal tmien snin. Dan it-terminu jibda jgħaddi minn meta t-taxxa ssir dovuta (jiġifieri wara li tgħaddi s-sena ta' stima relattiva) jew, meta tkun saret stima dwarha, mid-data meta dik l-istima ssir finali u konklussiva. Meta ssir stima u ssir oġġezzjoni, dik l-oġġezzjoni għandha sservi bħala ksur tal-preskrizzjoni, b'mod li d-dipartiment ikollu tmien snin, mid-data tal-oġġezzjoni, biex jikkunsidraha, jiddeċiedi fuq x'pożizzjoni se jieħu, u joħroġ stima ġdida/riveduta. Jekk il-każ jitressaq quddiem il-Bord ta' Kummissarji Speċjali (illum quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva), it-terminu jkun sospiż tul iż-żmien li każ ikun qed jinstema' quddiem dak il-Bord u l-Qorti tal-Appell jekk ikun il-każ.

32. Fid-dawl ta' dan kollu l-Kummissarju appellant mhuwiex qiegħed jgħid sew fiż-żewġ aggravji tiegħu li t-titlu eżekuttiv miksub minnu taħt l-**Artikolu 44(2A)(ċ) tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa** mhuwiex suġġett għall-preskrizzjoni ta' tmien snin imsemmija fl-**Artikolu 47(2) tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa**. Il-kliem użat f'dan l-artikolu ma jħalli l-ebda dubju li l-Kummissarju għandu żmien ta' tmien snin biex jiġbor it-taxxa, inkluż anke meta l-ammont dovut lilu jkun jikkostitwixxi titlu eżekuttiv.

33. Wara kollox it-titlu eżekuttiv imsemmi fl-**Artikolu 44(2A)(ċ) tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa** lanqas m'għandu s-saħħa ta'

sentenza tal-qorti. Fil-fatt l-**Artikolu 47(1) tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa** jgħid li t-taxxa tista' ssir kawża dwarha u tinġabar, skont il-każ, fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-ġurisdizzjoni ċivili tagħha jew fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) wkoll fil-ġurisdizzjoni ċivili tagħha, mill-Kummissarju fil-kwalità uffiċjali tiegħu, bl-ispejjeż kollha tal-kawża, mingħand il-persuna mressqa għal hekk, mingħand il-persuna li għandha tħallasha jew mingħand il-persuna responsabbli għat-tnaqqis tagħha bħala dejn.

34. Bħalma l-Kummissarju appellant għandu l-jedd taħt l-**Artikolu 47(1) tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa** jiftaħ kawża sabiex jikseb sentenza ta' qorti li huwa għandu jedd jiġbor taxxa, taxxa addizzjonali u mgħax mingħand persuna u b'hekk ma jibqax aktar suġġett għat-terminu ta' preskrizzjoni ta' tmien snin għaliex ikun ipproċeda bl-azzjoni għall-ħlas; daqstant ieħor il-persuna li hija suġġetta għall-ħlas ta' xi taxxa, taxxa addizzjonali u mgħax, bħalma hija Alfur Ltd f'dan il-każ, tista' tinqeda bl-**Artikolu 47(1) tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa** sabiex titlob lill-qorti tiddikjara li l-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana ma jistax jibqa' jiġri warajha għall-ħlas ta' dik it-taxxa, taxxa addizzjonali u mgħax minħabba li għadda ż-żmien ta' tmien snin imsemmija fl-**Artikolu 47(2) tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa** biex din tista' tinġabar.

35. Il-Kummissarju appellant lanqas m'għandu raġun jgħid li l-atturi ma setgħux jinqdew b'din l-azzjoni biex jikkontestaw it-titlu eżekuttiv miksub minnu għaliex huma ma kinux ikkontestaw l-Avviż Ta' Talba Għall-Ħlas quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva. Fil-kawża tal-lum l-atturi mhumiex qegħdin jikkontestaw l-ammont komputat mill-Kummissarju appellant fl-Avviż Ta' Talba Għall-Ħlas jew fl-ittri uffiċjali li huwa bagħat skont l-**Artikolu 40 tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa**. Mod ieħor f'din il-kawża, l-atturi qegħdin jilmentaw biss fuq il-fatt li l-Kummissarju appellanti ma jistax jitlob parti mill-ammonti mitluba minnu fl-ittra uffiċjali tal-11 ta' Mejju, 2022 peress li huwa ħa aktar minn tmien snin biex jiġborhom kontra dak li jrid l-**Artikolu 47(2) tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa**.

36. Jiġi b'hekk, li l-Ewwel Qorti ddeċidiet tajjeb meta ċaħdet l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-Kummissarju u f'dan is-sens l-aggravji tiegħu qegħdin jiġi miċħuda.

37. Il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana ma ressaq l-ebda aggravju dwar il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti li l-azzjoni tiegħu għall-ġbir tat-taxxa, tat-taxxa addizzjonali u tal-imgħax b'rabta mas-snin 2001, 2002, 2005 u 2011 huma preskritti skont l-**Artikolu 47(2) tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa**. Din il-Qorti għalhekk sejra tieqaf hawn.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tiċħad** l-appell tal-Kummissarju tat-Taxxi u d-Dwana, bl-ispejjeż kollha kontra tiegħu.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur<br>da